MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI)
# MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 1089/1984/1

**Francis Xavier sive Mose’ Aquilina**

**vs**

**Emanuel sive Lino Aquilina, u b’Digriet ta’ l-4 ta’ Gunju 1993, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta’ Margaret armla minn Lino Aquilina, f’isimha proprju u bhala mandatarja verbalment kostitwita ta’ bintha assenti Emma Aquilina, kif ukoll fil-persuna ta’ Anthony, Edgar, Erminia Borg Testaferrata, Joseph, Helen u Julia ahwa Aquilina, sabiex ikomplu l-kawza minflok Emanuel sive Lino Aquilina, li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti,**

## PRELIMINARI

## IC-CITAZZJONI ATTRICI

1. B'citazzjoni l-attur appellat talab illi l-Prim' awla tal-Qorti Civili (1) tikkundanna lil Lino Aquilina – awtur ta' l-esponenti appellanti – jaghti rendikont fidil u gust ta' l-amministrazzjoni tieghu in konnessjoni ma' l-art "Tas-Sakkett" li tinsab Fleur de Lys, Birkirkara; (2) tiffissa zmien qasir u perentorju li fih l-istess konvenut kellu jipprezenta l-istess rendikont; (3) tikkundanna lill-istess konvenut Lino Aquilina – awtur ta' l-esponenti – jhallsu l-bilanc li jirrizulta dovut lilu mill-istess amministrazzjoni; bl-interessi skond il-ligi u bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra interpellatorja tas-26 ta' Ottubru 1983 u ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju 1984, u b'riserva ta' kull azzjoni ohra u, senjatament dik ghad-danni kwantevolte jirrizulta li l-istess konvenut ma esegwiex id-doveri tieghu skond il-ligi.

## L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT

2 (a) Il-konvenut Lino Aquilina – awtur ta' l-appellanti – eccepixxa: (i) Illi l-prokura msemmija mill-attur tirreferi biss ghall-gbir tal-lawdemijin ta' l-art maghrufa "Tas-Sakkett", li tinsab Fleur de Lys, Birkirkara; (ii) Illi l-attur innifsu kellu jaghtih somma konsiderevoli ta' flus in konnessjoni mal-wirt ta' Joseph Bugeja, li tieghu hu l-werriet.

2 (b) Illi b'nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri, l-appellanti eccipew: Illi fir-rigward tad-domanda ta' l-attur, huma applikabbli l-Artikoli 1196, 1197 u 1198 tal-Kodici Civili u, ghalhekk, avverat ruhha tpacija 'ipso jure' bejn l-attur u l-awtur ta' l-appellanti.

## IS-SENTENZA APPELLATA

3. B'sentenza tas-17 ta' Novembru 1995, l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti appellanti, astjeniet milli tiehu

konjizzjoni ta' l-ewwel zewg domandi billi, kif inghad, il-mertu jinsab ezawrit stante li l-konvenut irrenda kont tal-gestjoni ta' l-amministrazzjoni tieghu u konsegwentement, ikkundannat lill-esponenti appellanti li jhallsu lill-attur is-somma Lm2009.24,4 ghas-saldu ta' sehemu mill-istess amministrazzjoni, bl-imghax legali mid-data ta' l-istess sentenza, b'dana li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-appellanti. (konvenuti fl-ewwel istanza).

## L-APPELL TAL-KONVENUTI

4. Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati mill-imsemmija sentenza u minnha inteponew appell fuq l-aggravju li gej:-
(i) Jigi sottomess illi l-ewwel Qorti, sfortunatament ma dahlitx b'mod profond fl-eccezzjoni sollevata mill-appellanti dwar it-tpacija li avverrat ruhha bejn il-partijiet originali ghall-kawza, fir-rigward ta' l-ammont dovuti reciprokament minn kull wiehed mill-ahwa Aquilina.

B'mod sorprendenti, l-ewwel Qorti ikkonkludiet illi:

"Ma jirrizultax li l-konvenuti resqu xi prova biex jikkontrastaw dak li gie verbalizzat mid-difensur ta' l-attur, u dan meta wiehed jikkonsidra li huma kienu eccepew ulterjorment li kienet avverrat ruhha tpacija bejn l-attur u l-awtur taghhom, ai termini ta' l-Artikoli 1196, 1197 u 1198 tal-Kodici Civili u di piu assumew l-oneru li jressqu l-provi taghhom in sostenn ta' din l-eccezzjoni, u baqghu ma pproducewx l-icken prova fuq daqshekk."

Jidher li l-ewwel Qorti sfuggewlha d-depozizzjonijiet tal-konvenut Lino Aquilina tad-9 ta' Frar 1988, tat-13 ta' April 1988 u ta' l-10 ta' Settembru 1988 – kollha migbura mill-Assistent Gudizzjarju – oltre d-dokumenti illi gew esebiti f'dawk is-seduti.

Illi huwa minnu illi, fuq rikors ta' l-Assistent Gudizzjarju, l-ewwel Qorti, wara li accettat illi il-krediti allegati mill-konvenut Lino Aquilina, a favur tieghu, kienu rilevanti f'dan il-gudizzju, b'digriet tas-17 ta' Ottubru 1988, inspjegabilment idderigiet lill-Assistent Gudizzjarju biex ma jkomplix jiehu xhieda relattiva ghall-imsemmija krediti.

Illi, pero', f'dak l-istadju tal-kawza, il-konvenut Lino Aquilina kien diga iddepona b'mod pjuttost ezawrjenti dwar il-krediti minnu pretizi, u fir-rigward ta' l-imsemmija xhieda ga migbura l-ewwel Qorti qatt ma tat ebda ordni biex tali depozizzjonijiet ma jibqghux fil-process u ghalhekk illum jiffurmaw parti integranti ta' l-istess process.

Fl-umili sottomissjoni ta' l-appellanti, l-ewwel Qorti naqset ukoll milli taghmel apprezzament xieraq tac-cirkostanzi familjari bejn l-ahwa Aquilina fil-perjodu taz-zmien rilevanti, cioe fl-ghaxar snin ta' qabel ma giet intavolata l-kawza.

F'dak iz-zmien, il-partijiet kellhom relazzjonijiet tajbin u salv konteggi, kienu jafu u jaccettaw illi bejniethom kienet qed tavvera ruhha awtomatikament it-tpacija ta' krediti u debiti li normalment tavvera ruhha bejn l-ahwa.

Illi fis-seduti precitati, il-konvenut Lino Aquilina kien ta dettalji ta' l-ammonti li taghhom kien kreditur u debitur ta' huh l-attur appellat, dwar liema krediti u debiti kienet avverat ruhha t-tpacija reklamata mill-esponenti appellanti.

Illi ghalhekk kien doveruz ghall-ewwel Qorti li tinvesti l-punt dwar ic-cirkostanzi familjari ta' bejn il-partijiet originali ghal din il-kawza, fil-perjodu ta' zmien rilevanti u konsegwentement tapplika id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli precitati tal-Kodici Civili, qabel ma tasal biex tistabilixxi jekk l-attur appellat kienx ghadu kreditur ta' huh Lino Aquilina u f'kaz posittiv l-ammont li verament ghandu jiehu.

Illi l-ewwel Qorti naqset li taghmel dawn iz-zewg indagni u b'hekk aggravat ferm il-pozizzjoni ta' l-appellanti.

(ii) Illi, tenut kont tac-cirkostanzi u s-sitwazzjoni kif kienet tezisti bejn l-ahwa Aquilina fil-perjodu ta' zmien rilevanti ghall-kaz prezenti, ikun skorrett illi l-attur appellat jithalla jarrikkixxi ruhu ingustament, fil-konfront ta' l-appellanti u l-

awtur taghhom, meta l-istess attur appellat b'ebda mod matul il-kawza ma ikkontrasta il-pretensjonijiet gusti ta' huh Lino Aquilina fir-rigward tal-krediti illi l-awtur ta' l-esponenti appellanti dejjem sostna li kellu kontra l-istess attur appellat u liema krediti kienu gew pacuti kif fuq spjegat.

Ghaldaqstant l-appellanti talbu illi din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti fis-17 ta' Novembru 1995, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tikkonfermaha kwantu tolqot l-ewwel zewg domandi u tirrevokha kwantu tolqot l-ahhar domanda, billi tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-espnenti appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-ATTUR APPELLAT GHALL-APPELL TAL-KONVENUTI</u>**

5. L-attur appellat wiegeb hekk:

Illi l-attur appellat hass ruhu aggravat in parte bis-sentenza, u minnha interpona appell limitatament ghad-data minn meta kellhom jigu lilu akkordati l-interessi.

Illi inkwantu il-meritu, s-sentenza appellata hija gusta u legali u ghalhekk timmerita li tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**<u>IR-RIKORS TA' L-APPELL TA' L-ATTUR</u>**

6. L-attur ukoll hass ruhu aggravat imparte b'din id-decizjoni u ghalhekk interpona appell minnha limitatment ghad-data minn meta ghandhom jigu lilu akkordati l-interessi.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli Prim' Awla tal-Qorti Civili waslet ghall-konkluzjoni erronja meta ordnat li jithallsu l-interessi mid-data tas-sentenza u mhux mid-data li l-konvenut gie notifikat bl-ittra ufficjali li kien fit-18 ta' Mejju 1984.

Illi fil-qosor il-fatti huma dawn;

L-attur u il-konvenut, kellhom sehem flimkien ma huthom l-ohra minn xi lawdemji dovuti u sabiex dawn jkun jistghu jingabru bl-inqas tfixkil, gie miftiehem bejn l-interessati kollha, li l-konvenut jigi nominat mandatarju specjali bl-inkariku li jigbor il-lawdemji dovuti lilhom.

Illi l-konvenut agixxa oltre l-poteri li inghata u gabar anki cnus u fidi ta' cnus.

L-istess konvenut lill-attur ta' sehemu ma tah xejn.

Illi minhabba dan l-agir abbuziv, giet intavolata c-citazzjoni fl-ismijiet premessi.

Minkejja ghalhekk li l-attur ma kienx jaf bil-preciz l-ammont ta' flus konsistenti fl-lawdemji, cnus u fidi ta' cnus li kien ingabar, il-konvenut dan kien jafu ben tajjeb, u fil-fatt bla ebda problemi issottometta prospett dettaljat, kif rikjest mill-Qorti tal-Prim' Awla.

Illi la jirrizulta bic-car li l-konvenut kien jaf li kellu somma dovuta lill-attur, u di piu' kien jaf precizament kemm kienet tirrisali dan l-ammont, allura illum, tlettax-il sena wara l-attur jemmen li dan l-ammont ghandu jithallas bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali, cioe' mit-18 ta' Mejju 19984 (kopja annessa).

Illi f'dan il-kaz ghalhekk ma kellux japplika l-principju "in illiquidis non fit mora" izda ghandu japplika il-principju li min jsofri danni minhabba agir abbuziv ta' terza persona ghandu jigi reintegrat fil-pozizzjoni li kien ikun fiha kieku dan l-agir ma sehhx.

Minflok ma hallas il-konvenut meta ircieva l-ittra ufficcjali, gieghel lill-attur jaghmel kawza u ppriva lill-attur mill-uzu tal-flus ghal aktar minn tlettax-il sena. Sadattant il-flus baqghu f'idejn il-konvenut ghal aktar minn tlettax-il sena, u bhala premju ta' l-agir tieghu illegali, kellu l-facilita' li jinvestihom kif irid u jaqla fuqhom percentwali oghla minn dik stabbilita mill-ligi ghall-interessi u ghad-detriment ta' l-attur.

Illi dan il-principju gie recentement riaffermat minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet “Arkitett u Ingineer Civili Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici” deciza fil-5 ta’ Lulju 1995. F’din il-kawza kien gie ritenut li f’cirkostanzi fejn persuna taf ben tajjeb li hi ghandha taghti somma flus lil haddiehor, anki jekk ma tafx l-mmont preciz li hi kellha taghti, kellha thallas s-somma li taqbel li hija dovuta, u f’kaz li ma jhallasx ikunu dovuti l-interessi f’kamp civili min- notifika ta’ interpellazzjoni ghall-hlas permezz ta’ atti gudizzjarju.
Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla Civili fis-17 ta’ Novembru 1995, fis-sens li tikkonfermaha in kwantu ikkundannat lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ elfejn u disa’ liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm2009.24) bl-interessi ta’ 8%, u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ordnat li l-interessi jithallsu mid-data tas-sentenza stess, u tiddeciedi invece li l-interessi tat-8% jithallsu mit-18 ta’ Mejju 1984 id-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI GHALL-APPELL TA’ FRANCIS XAVIER SIVE MOSE AQUILINA</u>**

7. L-attur appellat wiegeb hekk:
(i) Illi fl-ewwel lik l-esponenti jindikaw li huma wkollipprezentaw appell mis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-17 ta’ Novembru 1995, f’liema appell l-esponenti talbu illi l-imsemmija sentenza ghandha tigi riformata billi tigi konfermata fir-rigward ta’ l-ewwel zewg domandi u revokata kwantu tolqot l-ahhar domanda, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur Francis Xavier sive Mose Aquilina.
(ii) Illi fir-rigward ta’ l-appell presenti, il-konvenuti jsostnu illi:

a) l-appell huwa irritu billi ma jsemmi xejn rigward l-ewwel zewg domandi tac-citazzjoni, liema domandi gew michuda mill-ewwel Qorti; u

b) l-aggravju promoss mill-attur appellant huwa kompletament insostennibbli billi f'dan il-kaz altru li japplika il-principju tad-dritt Ruman "in illiquidis non fit mora" – u dana principalment peress illi anqas l-attur appellant stess ma seta jikkwantifika l-pretensjoni tieghu meta ippropona l-azzjoni.

(iii) illi r-riferenza maghmula mill-attur appellant ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Lulju 1995, fil-kawza fl-ismijiet "Arkitett Joseph Brbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici" hija wkoll riferenza zbaljata, bili fil-kaz prezenti ma kienx hemm ebda qbil bejn il-partijiet li l-konvenut (awtur ta' l-appellati) kien debitur f'xi ammont ta' flus fil-knfront ta' l-attur appellant, anzi kien hemm cahda shiha li l-istess awtur ta' l-appellati kien debitur f'xi ammont.

(iv) illi fil-kaz prezenti, l-awtur tal-konvenuti mhux talli ma kienx jaf ben tajjeb li ghandu jaghti somma flus lil haddiehor, anzi kien qed jikkontesta b'mod assolut li kien debitur ta' l-appellant, billi kienet qed tavvera ruhha tpacija bejn l-ahwa. Altru li hadd mill-kontendenti ma kien jaf x'kellu jiehu u li hadd minnhom ma kien jaqbel fuq xi ammont dovut.

Ghalhekk f'dan il-kaz ma jirrikorrux l-elementi indikati fis-sentenza li ghaiha saret riferenza mill-istess attur appellant.

(v) illi inoltre, fil-kaz prezenti anqas l-attur ma kien cert x'ghandu jiehu, tant hu hekk illi fit-tielet domanda proposta minnu fic-citazzjoni precitata, ma talabx somma likwida izda talab il-hlas tal-"bilanc li jirrizulta dovut lilu mill-istess amministrazzjoni bl-interessi skond il-ligi".

(vi) Kif jista qatt jigi applikat il-principju enuncjat fis-sentenza ta' din il-Qorti precitata, meta anqas l-istess attur appellant ma kien f'pozizzjoni li jitlob ammont likwidu fic-citazzjoni.

Ghaldaqstant il-konvenuti jissottomettu illi l-appell prezenti ghandu jigi michud kompletament bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

8. Ikkunsidrat illi mis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili surreferita gew intavolati zewg appelli – wiehed minn kull parti. Il-konvenuti talbu riforma fis-sens li filwaqt li l-ewwel zewg talbiet kellhom jibqghu konfermati kif decizi, huma talbu r-revoka tad-decide fir-rigward ta' l-akkoljiment tat-tielet domanda. Min-naha l-ohra, l-attur ukoll talab riforma billi filwaqt li talab il-konferma tal-quantum likwidat, talab fl-istess waqt ir-revoka f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-interessi fuq is-sorte jithallsu mid-data tas-sentenza appellata minflok mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali spedita minnu fit-18 ta' Mejju 1984.

9. Fir-risposta taghhom ghall-appell interpost mill-attur, il-konvenuti ssollevaw punt ta' indole legali u procedurali, cjoe' li billi l-ewwel zewg domandi tac-citazzjoni "gew michuda" (sic), allura jsegwi li l-appell ta' l-attur kien irritu. Ikun utli ghalhekk li, qabel xejn, jigi investit u deciz dan il-punt preliminari.

10. Il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata u minnha jirrizulta li proprjament l-ewwel Qorti ma cahditx l-ewwel zewg domandi attrici kif zbaljatament gie sottomess mill-konvenuti. Li cahdet l-ewwel Qorti kienu invece l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti. Dak li fir-realta' qalet l-ewwel Qorti kien li billi irrizultalha, fil-kors tal-gbir tal-provi, li r-rendikont mitlub mill-attur biex jigi maghruf dak li talvolta kien dovut bhala ammont fir-rigward tal-mandat moghti mill-attur u esegwit mill-awtur tal-konvenuti gie rez manifest, u liema ammont gie sahansitra kkwantifikat fis-somma ta' Lm2009.24c4m, dan il-meritu gie allura ddikjarat proceduralment ezawrit. Inoltre il-partijiet qablu t-tnejn dwaru u ghalhekk ma kienx il-kaz li jkun hemm xi pronunzjament ulterjuri dwar l-ewwel zewg domandi fic-citazzjoni. L-attur, billi kien lest joqghod ghal din il-parti tas-sentenza ma kellu xejn aktar x'jitlob dwar l-ewwel zewg domandi ghajr il-konferma taghhom. L-appell tieghu, b'mod car u esplicitu, hu dirett u limitat ghal dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ddecidiet li l-interessi jibdew

jiddekorru mid-data tas-sentenza. L-appell ta' l-attur, indipendentament ghalissa mill-punt dwar l-aggravju huwiex fondat jew le, huwa proceduralment korrett u sufficjentement car u konsegwentement ma jistax jitqies li huwa irritu kif issottomettew il-konvenuti.

11. L-ewwel appell fil-meritu, mil-lat kronoligiku, gie interpost mill-konvenuti. Il-konvenuti dehrilhom li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprofondixxi l-eccezzjoni dwar li kienet sehhet tpacija u dwar dan jaghmlu riferenza ghax-xhieda moghtija mill-konvenut Lino Aquilina, l-awtur tal-konvenuti, illum mejjet, li ghadhom jifformaw parti mill-provi taghhom. L-ewwel Qorti, skond huma, naqset ukoll milli tiehu kont tar-relazzjonijiet stretti bejn l-ahwa Aquilina u kif kienu jitmexxew it-transazzjonijiet bejniethom, u dan a detriment taghhom.

Din il-Qorti, wara li ezaminat ix-xhieda kollha moghtija, kompriza dik quddiem l-Assistent Gudizzjarju, hija tal-fehma li ghalkemm iz-zewg nahat, b'mod specjali l-ahwa Aquilna, jsemmu u jirreferu ghal diversi inkassi u transazzjonijiet, pero' xorta wahda baqghu vagi hafna meta jigu biex jispjegaw x'kien hemm, jew x'seta' kien ghad hemm pendenti bejniethom. Il-konvenut Lino Aquilina, in partikolari, tassew xehed li huwa kellu jiehu flejjes minghand il-kontroparti, izda dejjem kien generiku. Di piu' jirrizulta li waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 1988, l-avukat ta' l-attur ghamel verbal fejn oppona li l-konvenut jixhed dwar dak li l-konvenut allegatament kellu jiehu minghand l-attur billi l-ebda kontro-talba ma kienet giet intavolata f'dan is-sens mill-konvenut u ma setghetx issir konfrontazzjoni jekk mhux bejn zewg krediti certi, likwidi u skaduti. Ghal dan, il-konvenut irreferrieh ghat-tieni eccezzjoni tieghu, kif gustament gie ritenut mill-ewwel Qorti, ghalkemm il-konvenuti ulterjorment eccepew tpacija, il-provi dwarha ma ngabux. Ix-xhieda estensiva imma frammentarja moghtija mill-awtur taghhom ma kenitx tali li setghet tabilhaqq titqies <u>ghal fini ta' tpacija</u>. Minn naha l-ohra, l-attur – fl-udjenza datata d-9 ta' Dicembru 1994 - qabel mal-bilanc ta' Lm2009.24c4m li hareg mir-rendikont moghti mill-konvenut Lino Aquilina

(ara Dok. FXA1, a fol 54 tal-process) u deher li kien lest joqghod ghalih. Billi min-naha l-ohra l-konvenuti ma jippruvawx li kontra dan il-bilanc attiv kien hemm kontro-debiti u billi wkoll l-attur xehed li hu ma kienx debitur ta' huh, l-ewwel Qorti korrettement iddecidiet li l-bilanc dovut lill-attur kien sewwa sew f'dana l-ammont fuq imsemmi. Ghalhekk l-appell tal-konvenuti fil-meritu huwa infondat u qed jigi michud.

13. Dwar l-appell ta' l-attur, jinghad li ghalkemm huwa minnu li huwa baghat ittra ufficjali lill-awtur tal-konvenuti fit-18 ta' Mejju 1984, jibqa' xorta wahda l-fatt li fl-att tac-citazzjoni ma jissemma' l-ebda ammont specifiku. Anzi, t-tielet talba attrici hija mmirata proprju ghall-kundanna sabiex il-konvenut ihallas lill-attur "il-bilanc li jirrizulta dovut lilu (i.e. lill-attur) mill-istess amministrazzjoni". Illi ghalhekk ukoll l-ewwel Qorti gustament applikat il-principju li "in illiquidis non fit mora" u billi l-ammont tas-sorte gie kkwantifikat biss fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-17 ta' Novembru 1995, l-interessi kellhom jibdew jiddekorru fuq is-sorte minn dakinhar u mhux minn data anterjuri. Illi ghalhekk isegwi li anke l-appell ta' l-attur huwa nfondat u l-aggravju tieghu qed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata kif moghtija fis-17 ta' Novembru 1995, tichad kemm l-appell ta' l-attur kif ukoll l-appell tal-konvenuti, b'dan li l-ispejjez dwar l-ewwel istanza jibqghu kif hemm deciz, mentri dawk tat-tieni istanza jithallsu kwantu ghal zewg terzi (⅔) mill-konvenuti u terza parti ( ⅓) mill-attur.

Dep. Reg.
df